MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 117/2001/1

**Carmelo Vella**

**vs**

**Denise Scuderi, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, Giuseppe Scuderi u b'digriet tal-Qorti ta' l-20 ta' Marzu, 2001 giet konfermata Denise Scuderi bhala kuratrici *ad litem* ta' binha Mirko.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur jigi missier il-konvenuta Denise Scuderi, li tinsab separata *de facto* mill-konvenut l-iehor Giuseppe Scuderi u sahansitra qed tipprocedi kontra tieghu quddiem din l-Onorabbli Qorti ghall-annullament taz-zwieg;

Illi l-imsemmija bintu, l-konvenuta Denise Scuderi, fid-29 ta’ Novembru, 2000, welldet tarbija ta’ sess maskili bl-isem Mirko Scuderi minn relazzjoni adultera ma’ ragel iehor, liema tifel pero` fl-att tat-twelid numru 4673/2000, li kopja tieghu hi hawn annessa Dok. A, gie registrat bhala li hu bin ir-ragel ta’ bintu, Giuseppe Scuderi, u dan ghaliex il-konjugi Scuderi m’humiex separati legalment;

Illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-imsemmi konvenut Giuseppe Scuderi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tletin jum qabel it-twelid tat-tifel Mirko Scuderi, kien fl-impossibilta` fizika li jghammar ma’ martu l-konvenuta Denise Scuderi, minhabba li kien boghod minnha, u kien mifrud minnha *de facto,* u fl-istess zmien il-konvenuta Denise Scuderi kellha relazzjoni adultera ma’ ragel iehor u minn fatti ohra, inkluzi provi u testijiet genetici u xjentifici li jistghu isiru, il-paternita` ta’ Giuseppe Scuderi fil-konfront ta’ Mirko Scuderi ghandha tigi eskluza;

Illi l-attur ghandu nteress li jippromwovi din il-kawza ghat-tenur ta’ l-**artikolu 77 tal-Kodici Civili**, bhala n-nannu matern tat-tarbija u li qed jiehu hsieb l-istess tarbija flimkien ma’ martu u ghandu nteress li l-veru status tat-tarbija jkun maghruf.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. It-tifel bl-isem ta’ Mirko Scuderi li twieled mill-konvenuta, Denise Scuderi, fid-29 ta’ Novembru, 2000, m’huwiex iben il-konvenut Giuseppe Scuderi kif jidher registrat fl-att tat-twelid numru 4673/2000 (Dok. A) u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u, *okkorrendo*, bl-opera ta’ periti nominandi, biex jikkonducu it-testijiet u provi genetici u xjentifici kif kontemplat fl-**artikolu 70 tal-Kodici Civili**;

2. Ghaliex konsegwentement il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jigi ordnat minn din il-Qorti biex jeffettwa il-korrezzjonijiet kollha mehtiega u opportuni fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmi Mirko Scuderi li jgib in-numru li jmiss tar-registrazzjoni 4673/2000 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att tat-twelid sabiex isem il-konvenut

Giuseppe Scuderi u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att tat-twelid taht il-kolonni intestati: ‘Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija’, ‘professjoni, sengha jew stat iehor’, ‘eta`’, ‘fejn twieled’, ‘fejn joqghodu’, u ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ u minflok jidhlu il-kliem ‘*unknown father’* jew ‘*father unknown’* jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tar-rikors ghall-hatra ta’ kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri, kontra l-konvenuta, Denise Scuderi. Il-konvenuti kollha huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 25 tal-proces fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal kawza odjerna;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost f’kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati l-kliem ‘the said’ mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm;

3. Illi l-esponent m’ghandux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 26 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attur Carmelo Vella tal-25 ta’ Jannar, 2001 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tahtar kuraturi *ad litem* biex jirrapprezentaw lill-imsemmi minuri Mirko Scuderi ghall-fini ta’ din il-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digrieti tas-27 ta' Frar, 2001 fejn il-Qorti nnotifikat lill-kontro-parti b'erbat ijiem ghar-risposta u ta' l-20 ta' Marzu, 2001 fejn il-Qorti appuntat lill-konvenuta Denise Scuderi bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Rat in-nota tat-8 ta' Marzu, 2001 fejn Denise Scuderi tidher u taccetta l-bandu biex tirrapprezenta lil binha Mirko Scuderi bhala kuratrici *ad litem* ghall-fini tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti; tas-26 ta' Frar, 2002, ta' Denise Scuderi bhala kuratrici *ad litem* ta' binha Mirko, li biha tidher u tammetti t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Rat il-verbali tat-2 ta' Mejju, 2002, fejn inghata digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin jum kull wiehed u liema kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-29 ta' Ottubru 2002; tad-29 ta' Ottubru, 2002 fejn Dr. Veronica Galea Debono tirreleva li Giuseppe Scuderi huwa kontumaci u fejn Denise Scuderi tat ruhha b'notifikata bl-affidavits attrici u inghatat kopja ta' l-istess u ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi, liema kawza giet differita ghan-notifika ta' l-affidavits lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku u ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta' Frar, 2003; ta' l-4 ta' Frar, 2003 fejn Dr. Veronica Galea Debono talbet li l-kawza tibqa` ghas-sentenza u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghat-13 ta' Marzu, 2003.

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-20 ta' Novembru, 2002, li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess u dak tal-mara tieghu Maria Dolores Vella.

Rat in-nota ta' l-20 ta' Novembru, 2002, li biha l-konvenuta Denise Scuderi pprezentat l-affidavit taghha ghan-notifika tal-konvenut Giuseppe Scuderi.

Rat id-digrieti ta' l-1 ta' Frar, 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Raymond C. Pace; tas-27 ta' Frar, 2001 fejn il-Qorti ordnat notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta; ta' l-20 ta' Marzu, 2001 fejn il-Qorti appuntat lill-konvenuta Denise Scuderi bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Rat in-nota tal-konvenuta Denise Scuderi ta' l-20 ta' Novembru, 2002 li biha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat li l-konvenut Giuseppe Scuderi ghalkemm notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh fil-21 ta' Novembru 2002 baqa' ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.
Rat in-nota tad-29 ta' Novembru, 2002, tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrizerva d-dritt ghall-kontro-ezami tax-xhieda ta' l-attur Carmelo Vella, Maria Dolores Vella u tal-konvenuta Denise Vella, moghtija permezz ta' l-affidavits.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A) PROVI PRODOTTI.

L-attur **Carmelo Vella** fl-affidavit tieghu stess jghid:

*"Illi Denise kienet ilha tohrog ma' Giuseppe Scuderi sa mill-1994. F'Dicembru 1997, missier Giuseppe, Paolo Scuderi li jghix gewwa Giarre, Sqallija, kien gie Malta ghal btala, u wera x-xewqa li jixtri post sabiex ikunu jistghu imorru jghixu fih.*
*Illi huma sabu post gewwa Birkirkara, kif xtaq hu. F'Jannar 1998 iffirmaw l-att tal-konvenju, u kellhom jiffirmaw il-kuntratt matul Lulju 1998. Peress li Giuseppe hu barrani u sabiex jiffrankaw xi elf lira Maltin(Lml,OOO) tal-bolol fuq il-kuntratt, kif ukoll biex ikun jista' jahdem hawn Malta minghajr xkiel, iddecidew li jizzewgu bir-registru, izda mhux bil-Knisja.*

*Illi fis- 27 ta' Gunju 1998 izzewgu, u ffirmaw il-kuntratt tal-post nhar l-1 ta' Lulju 1998. Huma qatt ma marru jghixu flimkien, u ftit wara beda jkollhom xi jghidu ta' spiss. F'Novembru ta' l-istess sena, bdew il-proceduri ghas-separazzjoni. Peress li l-loan kienu haduha fuq isem it-*

*tnejn, il-bank (Bank of Valletta) ma riedx jaghtihom rilaxx, u ghalhekk inbdew il-proceduri ghall-annullament u nhar it-18 ta'Mejju 2001, iz-zwieg gie annullat.*
*Illi sadanittant f'Dicembru 1999 bdiet tohrog ma' guvni iehor, u wkoll marret tghix mieghu ghal ftit zmien. F'Mejju 2000 giet id-dar u qaltilna li hi kienet harget tqila. Hi kienet ghadha tghix id-dar maghna meta fid-29 ta' Novembru 2000 kellha tifel li semmietu Mirko u peress li kienet ghadha ma haditx l-annullament, it-tifel ha l-kunjom Scuderi.*
*Illi sa fejn naf jien, minn Novembru 1998 sa llum Denise ma kellha ebda kuntatt ma' Giuseppe Scuderi, hlief darba l-Qorti u xi darbtjen ghand l-Avukat. Minn meta zzewget bic-Civil sa llum dejjem ghexet maghna, hlief ghal perjodu qasir fejn hi ghexet ma l-iehor, u dan bejn Frar u Marzu tas-sena 2000. Bi qbil ma' Denise, f'Dicembru 2000 mort ghand l-Avukat biex niehu parir dwar kif it-tifel jista' jiehu l-kunjom Vella, li tani l-parir sabiex niftah kawza. Il-kawza ftahtha f'Jannar 2001."*

Mart l-attur, **Maria Dolores Vella**, fl-affidavit taghha stess tghid:

*"Illi jiena nigi omm Denise Vella u n-nanna ta' Mirko Scuderi. Denise izzewget lil Giuseppe Scuderi minn Giarre, go Sqallija, nhar is 27 ta' Gunju 1998. Hi zzewget bic-Civil u mhux bil-Knisja. F'Novembru ta' l-istess sena, bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni. Giuseppe u Denise, dak iz-zmien ma kinux joqoghdu flimkien u lanqas kienu jiltaqghu. Fil-fatt kull meta kien ikollhom xi seduta l-Qorti, hlief ghal darba, qatt ma attenda.*

*Illi f'Novembru ta' l-1999 Denise fethet il-proceduri ghall-annullament taz-zwieg taghha. Ftit wara naf illi bdiet relazzjoni ma' ragel iehor, u li f dan il-perjodu twil minn mindu bdiet is-separazzjoni sakemm gie koncepit it-tifel, Denise ma kellha ebda kuntatt ma' Giuseppe Scuderi. Ghandi nghid ukoll illi Denise dejjem ghexet fid-dar mieghi u ma' zewgi, minn meta zzewget sal-gurnata ta' llum, u dan hlief ghal perjodu qasir fejn marret toqghod ghal xi zmien ma' l-iehor.*

*Illi jiena u t-tifla tieghi Denise immorru tajjeb hafna flimkien u hi tghidli kollox dwar il-hajja u r-relazzjonijiet taghha. Fi Frar tas-sena 2000, Denise harget tqila u fid-29 ta' Novembru twieled it-tifel Mirko. Minhabba li Denise kienet ghadha meqjusa bhala mizzewga lil Scuderi, it-tifel ha l-kunjom Scuderi."*

Fl-affidavit taghha **Denise Scuderi** tghid:

*"Illi kont ili xi tlett snin gharusa ma' Giuseppe Scuderi, meta ddecidejna li nixtru post. Jiena kelli sittax-il sena meta ltqajt mieghu. Peress li missieru, Paolo Scuderi, kien tana xi flus, huwa gie Malta u ddecieda kollox hu, liema u x 'tip ta' dar kellna nixtru. Biex niffrankaw parti mit-taxxa tal-post 28, Triq Papa Urbanu, B'Kara u sabiex Giuseppe jkun jista' jghix u jahdem f'Malta, ddecidejna li nizzewgu bir-registru, u dan ghamilnih nhar it-27 ta ' Gunju, 1998 u jumejn wara sar il-kuntratt tax-xiri tal-fond.*
*Illi wara z-zwieg jiena ma mortx nghix ma' Giuseppe, ghax ahna ridna li nghixu flimkien biss wara z-zwieg bil-Knisja. F' Awissu ta' l-istess sena, jiena u Giuseppe morna ghal btala ghand il-genituri tieghu gewwa Giarre fi Sqallija, u hemm sirt naf li l-flus li kien tah missieru biex jirranga d-dar elfejn Lira Maltin (LM2,000) kien nefaqhom kollha fi zmien xahrejn. L-imgieba tieghu bdejt naraha differenti f dan il-perjodu meta kont mieghu minn filghodu sa filghaxija, u fil-fatt skoprejt li kien qed jaghmel uzu mid-droga. Ippruvajt nifhmu u nghinu imma minn naha tieghu, deher li ma tantx kellu hajra li jieqaf. Tant hu hekk li fil-gimghatejn li domna go Sqallija, Giuseppe kien spicca l-isptar minhabba din il-problema tad-droga.*

*Illi minn hemm ma kellniex aktar relazzjonijiet sesswali, minn naha tieghu minhabba l-problemi ta' sahha li kellu, u minn naha tieghi minhabba li kelli nuqqas ta' fiducja fih u bdejt nitqazzu. Minn hemm, l-affarijiet bdew imorru ghall-aghar u bil-kemm kollna nkellmu lil xulxin. Giuseppe kien jigi d-dar ghand il-genituri tieghi bhas-soltu, jiekol, jinhasel igib skuza li kien ikun ghajjien, kien jitlaq ghal xi t-tmienja ta' filghaxija. Din l-imgieba ma stajtx naccettaha, u*

*ghalhekk jiena ddecidejt li nieqfu minn din ir-relazzjoni u nisseparaw. Ovvjament iz-zwieg bil-Knisja qatt ma sehh.*
*Illi minn naha tieghu, ir-ragel ma tantx ta kaz biex jipprova jirranga s-sitwazzjoni u f'Novembru ta' l-istess sena, cjoe' 1998 bdejt il-proceduri tas-separazzjoni. Sena wara, cjoe' f'Novembru ta' 1-1999, bdejt il-proceduri ghall-annullament. Minn mindu bdejt il-proceduri tas-separazzjoni, cjoe` Novembru 1998, jiena qatt ma ergajt kelli kuntatti ma' Giuseppe Scuderi, u zgur illi ma kellix relazzjonijiet sesswali mieghu.*
*Illi fil-fatt l-uniku darba li ergajt rajtu kien fis-Sekond' Awla meta nfethet il-kawza, u xi darbtejn ghand l-Avukat tieghi stess, meta konna qed nippruvaw naslu ghal separazzjoni bonarja. Dak iz-zmien lanqas biss kont nindirizzah.*
*Illi sena wara u cjoe' fit-tmiem is-sena 1999, jiena bdejt relazzjoni ma' ragel iehor u fil-fatt, ftit xhur wara, u cjoe` fi Frar tas-sena 2000, jiena hrigt tqila bit-tarbija ta' din il-persuna. It-tarbija tieghi twieldet fid-29 ta ' Novembru tas-sena 2000. Kelli tifel u semmejtu Mirko.*
*Illi peress li meta twieled it-tifel tieghi, jiena u r-ragel ma konniex ghadna separati bil-Qorti. Jiena gejt meqjusa li kont ghadni mizzewga ma' Giuseppe Scuderi u ghalhekk it-tifel ha l-kunjom Scuderi.*
*Illi t-tifel tieghi Mirko m'huwiex iben Giuseppe Scuderi u dan stante li ghaddew izjed minn sbatax-il xahar bejn minn meta waqqaft kull kuntatt ma' Giuseppe Scudcri u meta gie koncepit it-tifel tieghi."*

## B) Ligi u Gurisprudenza.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(1) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi ta' l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassattivament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm

m'huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(2) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta' l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel mhux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax, l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJM) 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(3) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denegata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi ta' l-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-*istatus* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali minn nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (PA (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu m'huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel ma' l-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi ma' l-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie

wkoll konfermat fis-sentenzi **“Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri”** (Vol.XXXII.ii.309) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et”** (PA (RCP) 18 ta’ Jannar 2000) fejn inghad li:-

*“Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta’ l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta’ att ta’ twelid **jew** ta’ pussess ta’ stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista’ ssir b’xhieda ohra li tista’ tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta’ stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli”.*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **“Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (PA (RCP) deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); **“Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (PA (RCP) 10 ta’ Novembru 1999); **“Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); “**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP) u “**Domenic Briffa vs Therese Fenech et”** (P.A. (RCP) deciza 30 ta’ Mejju, 2002 - Cit Nru 1916/00/RCP) u ohrajn.

Illi dwar l-interpretazzjoni ta’ l-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta’ *“impossibilita’ fizika”* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **“Ronald Bray vs Charmaine Bray et”** (N.A. 19 ta’ Novembru 1997) fejn inghad li *“l-impossibilita’ fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b’xi mod il-koncepiment tat-tarbija”.* **(“Noelle Spiteri vs Ernest Cilia”).**

Illi jinghad li din l-azzjoni giet istitwita minn missier il-konvenuta Denise Scuderi, u cioe` in-nannu tal-minuri Mirko, u dan peress li l-istess minuri jirrizulta mill-provi li jghix aktar man-nanniet tieghu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-provi f'din il-kawza, li jinsabu aktar il-fuq dettaljatament riprodotti, jirrizulta illi l-konjugi Scuderi kienu zzewgu fis-27 ta' Gunju 1998 u jidher li wara dan iz-zwieg civili l-istess konvenuti lanqas biss ghexu flimkien, kemm minhabba l-fatt li l-konvenuta riedet li tghix mal-konvenut biss wara li jsir zwieg religjuz, li baqa' ma sarx, u kemm minhabba disgwidi li nqalghu bejniethom, tant li minhabba f'hekk ir-relazzjoni spiccat u l-konvivenza bejniethom qatt ma sehhet.

Illi dik is-sena stess il-konvenuta bdiet proceduri ta' separazzjoni, u s-sena ta' wara proceduri t' annullament, u b'konsegwenza ta' dan kollu hemm pruvat konsistentement li minn Novembru 1998 sal-gurnata ta' llum hija qatt ma kellha relazzjoni mal-konvenut Giuseppe Scuderi.

Illi jirrizulta wkoll, u dan anke konsegwenza ta' dak li inghad aktar il-fuq, li l-istess minuri qatt ma kien ikkonsidrat bhala iben l-imsemmi konvenut Giuseppe Scuderi, tant li l-istess minuri twieled fid-29 ta' Novembru 2002, u cjoe` sentejn wara li l-konvenuta qatghet kull kuntatt ma zewgha, u mhux biss, izda l-istess minuri dejjem trabba mill-istess konvenuta w aktar precizament il-genituri taghha, cjoe` in-nanniet tal-minuri, li wiehed minnhom huwa l-attur odjern.  Minn dan kollu jirrizulta li l-istess minuri qatt ma kellu l-istat ta' iben legittimu, u qatt ma kien maghruf bhala iben l-istess Giuseppe Scuderi, u dan *nonostante* dak li hemm kontenut fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri.

Minn dan kollu jidher li l-istipulazzjonijiet tal-ligi kif kontenuti fl-**artikolu 80, 81 u 77 tal-Kap 16** gew ilkoll sodisfatti, anke f'dak li jirrigwarda t-terminu ndikat fl-ahhar artikolu citat, b'dan ghalhekk li fid-dawl anke tad-dikjarazzjoni ta' l-omm ta' l-istess minuri, li hija wahda kategorika, wkoll sopportata mix-xhieda tal-genituri taghha Carmelo u Maria Dolores Vella, ghandu jinghad li t-talbiet attrici f'dan ir-rigward ghandhom jigu milqugha, b'dan li jirrizulta definittivament li l-istess minuri Mirko mhux l-iben naturali ta' l-imsemmi konvenut Giuseppe Scuderi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut Giuseppe Scuderi, fuq ammissjoni tal-konvenuta Denise Scuderi *proprio et nomine*, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li t-tifel bl-isem ta' Mirko Scuderi li twieled mill-konvenuta Denise Scuderi fid-29 ta' Novembru, 2000, m'huwiex iben il-konvenut Giuseppe Scuderi, *nonostante* dak li jidher registrat fl-att tat-twelid numru 4673/2000 (Dok. A);

2. Tordna konsegwentement il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa il-korrezzjonijiet kollha mehtiega w opportuni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmi Mirko Scuderi li jgib in-numru li jmiss tar-registrazzjoni 4673/2000 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess att tat-twelid sabiex isem il-konvenut Giuseppe Scuderi u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi att tat-twelid taht il-kolonni intestati: 'Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija', 'professjoni, sengha jew stat iehor', 'eta`', 'fejn twieled', 'fejn joqghodu', u 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' u minflok jidhlu il-kliem 'missier mhux maghruf*,* b'dan ukoll li fil-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm il-kliem '*the said*' jigu wkoll kancellati, b'dan ghalhekk li l-istess minuri ma jibqax jigi ndikat bhala iben l-imsemmi konvenut Giuseppe Scuderi.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16,** kollox a spejjez ta' l-istess konvenuta Denise Scuderi.

Illi l-ispejjez ta' din il-kawza, komprizi dawk tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri, ghadhom jigu sopportati mill-konvenuta Denise Scuderi *proprio stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali korrezzjoni kienet dovuta ghal xi att jew zball tal-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------